



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.7.2013  
COM(2013) 516 final

2013/0239 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 dwar vjeġġi ta' skart**

{SWD(2013) 267 final}

{SWD(2013) 268 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart (ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006<sup>1</sup>, "WSR - Waste Shipment Regulation") jistipula r-rekwiżiti għall-vjeġġi ta' skart bil-baħar kemm fl-UE u kemm bejn l-UE u pajjiżi terzi, sabiex jiġihom l-ambjent. Il-WSR jistipula regoli iktar stretti għall-iskart perikoluż milli għall-iskart mhux perikoluż.

L-esportazzjonijiet kollha tal-iskart perikoluż lejn pajjiżi li jinsabu barra l-OECD (l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi) u l-esportazzjonijiet kollha tal-iskart għar-rimi barra l-UE/l-EFTA (l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles) huma pprojbiti (l-Artikoli 34 u 36 tal-WSR). Il-projbizzjoni tal-esportazzjonijiet tal-iskart perikoluż barra l-OECD mogħtija fil-WSR timplimenta l-Konvenzjoni ta' Basilea tan-NU dwar il-projbizzjoni tal-esportazzjoni tal-1995. L-iskart mhux perikoluż jista' jiġi esportat għall-irkupru barra l-OECD, dejjem jekk ikun se jiġi ttrattat b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, jiġifieri b'mod li jkun ekwivalenti, fil-biċċa l-kbira tiegħu, għar-regoli applikati fl-UE<sup>2</sup>.

Fl-UE, il-vjeġġi kollha tal-iskart għall-irkupru għandhom ikunu intitolati għall-moviment ħieles.<sup>3</sup> Għall-iskart mhux perikoluż, dawn il-vjeġġi mhumiex suġġetti għal notifika bil-quddiem u huma jridu jissodisfaw biss id-dispożizzjonijiet ġenerali tat-tagħrif (it-Title II sa IV tal-WSR). Kemm il-vjeġġi tal-iskart perikoluż għall-irkupru u kemm il-vjeġġi tal-iskart għar-rimi huma suġġetti għal notifika u kunsens bil-miktub minn qabel. Madankollu, fil-każ tal-vjeġġi tal-iskart għall-irkupru, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jopponu vjeġġ abbażi tal-kriterji ambjentali stabbiliti fil-WSR biss (l-Artikolu 12).

Hemm stipulati obbligi speċifiċi dwar id-dmir li jittieħdu lura vjeġġi tal-iskart li jinstab li huma illegali jew li ma jistgħux jtkomplew kif kien previst (l-Artikoli 22 sa 25 tal-WSR).

L-Artikolu 50 tal-WSR jinkludi dispożizzjoni ġenerali dwar l-infurzar li tistipula li l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-ispezzjonijiet tal-istabbilimenti u tal-impriżi f'konformità mar-rekwiżiti tal-ispezzjoni mogħtija fid-Direttiva 2008/98/KE (id-Direttiva ta' qafas dwar l-iskart), u li l-Istati Membri jistgħu jiċċekkjaw it-trasport bit-triq, fil-portijiet, eċċ. jew f'fażi aktar tard meta l-iskart ikun diġà wasal f'imprant ta' rkupru jew tar-rimi. Mill-bqija, il-kontrolli jitħallew fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Il-WSR ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar kif għandhom jitwettqu l-ispezzjonijiet: jistipula biss li "Il-kontrolli fuq il-vjeġġi għandhom jinkludu l-ispezzjoni ta' dokumenti, il-konferma tal-identità u, fejn opportun, il-kontroll fiżiku tal-iskart."

Minħabba din il-formulazzjoni ġenerali tar-rekwiżiti ta' spezzjoni fil-WSR, hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri differenti. Uħud minnhom żviluppaw sistemi ta' spezzjoni preċiżi u li jaħdmu tajjeb, li għandhom fil-mira l-vjeġġi tal-iskart fil-portijiet jew fis-siti ta' produzzjoni u ta' ġbir tal-iskart, filwaqt li oħrajn għandhom problemi sinifikanti bl-infurzar u m'għandhomx strutturi u riżorsi adegwati biex jikkontrollaw il-flussi tal-iskart u biex iwettqu

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

<sup>2</sup> L-Artikoli 18 u 49 u l-Anness VII tal-WSR. Ara wkoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 674/2012 tat-23 ta' Lulju 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1418/2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart lejn pajjiżi li mhumiex fl-OECD.

<sup>3</sup> L-iskart muniċipali mħallat miġbur mid-djar privati, inkluż f'każijiet fejn dan il-ġbir ikun ikopri wkoll l-iskart minn produttori oħrajn (l-entrata tal-iskart numru 20 03 01), huwa suġġett għall-istess dispożizzjonijiet bħall-iskart għar-rimi (l-Artikolu 3(5) tal-WSR). Il-vjeġġi li jkunu qed jintbagħtu f'inċineraturi u li jkunu kklassifikati bħala vjeġġi għall-irkupru huma suġġetti għal regoli speċifiċi (l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2008/98/KE - "id-Direttiva ta' qafas dwar l-iskart").

l-ispezzjonijiet. Din is-sitwazzjoni twassal għal dak li bl-Ingliż jissejjaħ “port hopping”, jiġifieri għal proċedura fejn l-esportaturi tal-iskart illegali jibdlu ta’ spiss il-portijiet biex jisfruttaw is-sistemi nazzjonali li għandhom l-inqas kontrolli. Jekk Stat Membru jżid l-infurzar tiegħu, l-esportaturi tal-iskart illegali jmessu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn Stat Membru ieħor. Għalhekk, il-vjeġġi illegali tal-iskart bil-baħar jistgħu jiġu evitati b’mod effettiv biss jekk jitwettqu biżżejjed kontrolli fl-Istati Membri kollha.

Il-vjeġġi illegali tal-iskart li l-iktar joħlqu problemi huma dawk tal-iskart perikoluż u tal-iskart li jintbagħat b’mod illegali għar-rimi jew għal trattament ta’ livell inferjuri. Ir-rimi tal-iskart jew it-trattament ta’ livell inferjuri tiegħu ta’ spiss ikollu impatti kbar fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem għall-popolazzjonijiet ta’ madwar iż-żona tar-rimi jew tat-trattament. It-tnixxijiet mill-iskart mormi jagħmlu wkoll ħsara lill-ħamrija u lin-nixxigħat tal-ilma, u jwasslu għal tniġġis tal-arja minħabba l-emissjonijiet, pereżempju, ta’ metalli tqal u ta’ materjali organiċi persistenti li jniġġsu. Jekk il-pajjiżi ta’ destinazzjoni ma jkollhomx standards u kapaċità tar-riċiklaġġ adegwati, il-perikli potenzjali għall-ambjent u għas-saħħa jkunu qed jiġu esportati biss lejn partijiet oħra tad-dinja. Dan jikkontribwixxi wkoll għat-tiġin globali u għat-tnaqqis tal-ożonu.

Din il-proposta leġiżlattiva se tappoġġa l-ispezzjonijiet tal-Istati Membri u tiggwidahom sabiex jibdeu jitpoġġew fil-mira l-flussi tal-iskart problematiċi u ta’ riskju għoli deskritti hawn fuq. L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju li jkopru flussi speċifiċi tal-iskart u s-sorsi tal-vjeġġi illegali, u li jqisu d-dejta investigattiva, bħal dik miksuba mill-investigazzjonijiet tal-pulizija u mill-analiżi tal-attivitajiet kriminali. Ta’ kull sena għandhom jingħażlu l-prijoritajiet għall-ispezzjonijiet abbażi ta’ dawn il-valutazzjonijiet tar-riskju u dawn għandhom jiġu ppubblikati fil-pjanijiet annwali għall-ispezzjonijiet. Dawn il-pjanijiet għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. L-ispetturi għandhom iqisu l-pjanijiet għall-ispezzjonijiet u għandhom jitolbu lill-esportaturi li jkunu ssuspettati bi vjeġġi illegali tal-iskart għall-provi skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-proposta.

Il-vjeġġi illegali tal-iskart huma problema serja u frekwenti. Il-projbizzjonijiet fuq l-esportazzjonijiet tal-iskart perikoluż u tal-iskart għar-rimi skont il-WSR ta’ spiss jiġu evitati. L-esportazzjonijiet tal-iskart perikoluż ta’ spiss jissejjaħ skart għall-irkupru. Dan jikkonfermawh l-ispezzjonijiet konġunti mwettqin, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, min-“network għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi ambjentali, il-vjeġġi transfruntiera tar-raggruppamenti tal-iskart” (IMPEL-tfs), li żvelaw li kien hemm rati għoljin ħafna ta’ nuqqas ta’ konformità mal-WSR minħabba l-vjeġġi illegali tal-iskart. Bħala parti mill-ispezzjonijiet konġunti mwettqin fil-perjodu minn Ottubru 2008 sa Novembru 2010, 22 Stat Membru kkontrollaw it-trasporti bit-triq u fil-portijiet u rrapportaw dwarhom (aktar minn 20,000 spezzjoni tat-trasport u aktar minn mitt spezzjoni fil-kumpaniji).<sup>4</sup> Meta wieħed iqis l-għadd totali ta’ vjeġġi tal-iskart mill-UE u fiha spezzjonati matul dan il-perjodu (3,454 vjeġġ) u l-għadd ta’ vjeġġi li kisru l-liġi (863 vjeġġ), ir-rata ġenerali ta’ nuqqas ta’ konformità tista’ tiġi stmata li hi ta’ madwar 25 %.

Fl-2011, studju għamel stima tat-tunnellaġġ ta’ vjeġġi illegali bħala proporzjon tal-ammont totali ta’ vjeġġi tal-iskart fl-UE u ’l barra minnha.<sup>5</sup> L-istudju kkonkluda li, li kieku 1 % biss mill-vjeġġi tal-iskart kienu illegali, it-tunnellaġġ totali tal-vjeġġi illegali tal-iskart kien jammonta għal 2.8 miljun tunnella ta fis-sena.

<sup>4</sup> Ir-rapport iddettaljat tal-IMPEL mill-ispezzjonijiet konġunti jinsab fis-sit tal-internet li ġej: <http://impel.eu/wp-content/uploads/2012/01/IMPEL-TFS-EA-II-Project-Final-report-adopted-v1-4.pdf>.

<sup>5</sup> Valutazzjoni u gwida għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart fl-Istati Membri, BiPRO, is-16 ta’ Novembru 2011, <http://ec.europa.eu/environment/waste/shipments/reports.htm>.

Il-vjeġġi tal-iskart illegali 'l barra mit-territorju tal-UE ta' spiss jinbtu mill-impjanti mhux ikkontrollati tal-ġbir, tal-ħżin u tat-tqassim, fejn l-operaturi illegali jiksbu l-iskart u jibagħtuh illegalment f'pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw. Studju tal-Europol tal-2011<sup>6</sup> ikkonkluda li s-siti intermedji tal-ħżin ta' spiss qed jintużaw biex jaħbu d-destinazzjonijiet finali tal-iskart u biex iħarbtu l-isforzi tal-infurzar tal-liġi biex jiġu identifikati l-kumpaniji sors.

Il-portijiet fil-Majjistral tal-UE (f' Antwerp, Hamburg, Le Havre u Rotterdam) għandhom rwol importanti fl-esportazzjoni tal-iskart (l-iskart elettroniku, il-vetturi li m'għadhomx jintużaw, il-plastik, il-karti u diversi tipi ta' skart perikoluż) lejn pajjiżi fl-Afrika u fl-Asja. Minħabba li minn ħafna minn dawn il-portijiet jgħaddu tunnelli kbar ta' skart (kemm b'mod legali kif ukoll illegali) 'il barra mill-UE, fihom isiru kontrolli b'mod aktar frekwenti u, għal din ir-raġuni, probabbilment jinqabdu aktar vjeġġi illegali tal-iskart minnhom.

L-infurzar u l-ispezzjonijiet effettivi tal-vjeġġi tal-iskart mhux biss se jgħinu biex jiġu evitati l-impatti serji ambjentali u fuq is-saħħa li jinbtu mill-vjeġġi illegali tal-iskart, iżda se jiffirankaw ukoll spejjeż kbar u jirriżultaw f'benefiċċji ekonomiċi diretti għall-Istati Membri u għall-industrija. Il-benefiċċji finanzjarji li jinbtu minn infurzar aħjar jinkludu l-evitar tal-ispejjeż tal-eliminazzjoni tat-tniġġis u tal-ispejjeż tar-ripatrijazzjoni. Pereżempju, studju riċenti wera li infurzar iktar strett fil-port ta' Rotterdam wassal għal żieda fil-kwalità u fil-kwantità tal-iskart irriċiklat, minħabba li l-iskart intbagħat b'mezzi legali lejn impjanti b'tekniki aħjar għat-trattament tal-iskart. L-ispezzjonijiet irrinfurzati fil-port ta' Rotterdam wasslu wkoll għall-ħolqien ta' 22 impjeg ġdid fid-dwana, fis-servizzi tal-ispezzjonijiet u fl-impjanti għat-trattament tal-iskart<sup>7</sup>.

Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni, fost l-oħrajn, biex tqis it-tisħiħ tar-rekwiżiti tal-UE dwar l-ispezzjonijiet u l-kontrolli għall-għarrieda mwettqin skont il-WSR. Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni vvalutat il-kwistjoni f'aktar dettall u ppreparat valutazzjoni tal-impatt ex ante, f'konformità mal-linji gwida tagħha dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt.

## **2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

Fil-25 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni onlajn mal-partijiet interessati permezz tas-sit tal-internet tagħha msejjaħ "EUROPA", f'konformità mal-istandards minimi għall-konsultazzjoni. Il-konsultazzjoni kienet miftuħa għall-partijiet interessati kollha għal ħdax-il ġimgħa permezz tal-punt uniku ta' aċċess fuq l-internet.<sup>8</sup> Matul il-konsultazzjoni, saru 65 kontribuzzjoni minn 18-il awtorità tal-Istati Membri, minn awtorità ta' pajjiż wieħed taż-ŻEE, minn 25 organizzazzjoni tal-industrija, minn ħames kumpaniji privati, minn żewġ organizzazzjonijiet pubbliċi, minn tliet NGOs u minn 11-il individwu<sup>9</sup>. Il-partijiet interessati kienu ferm favur rekwiżiti leġislattivi tal-UE dwar l-ispezzjonijiet tal-vjeġġi tal-iskart (90 % ta' dawk li wiegħbu kienu ta' din il-fehma).

<sup>6</sup> L-istudju tal-Europol imsejjaħ "Valutazzjoni tal-kriminalità organizzata fl-UE" tat-28 ta' April 2011, p. 30. <https://www.europol.europa.eu/>.

<sup>7</sup> Studju tal-2011 imwettaq mill-kumpanija "BioIntelligence Service" imsejjaħ "L-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart għat- tkabbir ekoloġiku", <http://ec.europa.eu/environment/waste/studies/pdf/study%2012%20FINAL%20REPORT.pdf>.

<sup>8</sup> Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati ssejset b'mod parzjali fuq żewġ studji, li kienu r-rapport finali tat-12 ta' Awwissu 2009 maħruġ mill-kumpanija "Biointelligence" imsejjaħ "Rekwiżiti ta' spezzjoni għall-vjeġġi tal-iskart", <http://ec.europa.eu/environment/waste/shipments/reports.htm>; u r-rapport finali tal-4 ta' Ġunju 2010 maħruġ mill-kumpanija "Biointelligence SA" imsejjaħ "Valutazzjoni tal-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tar-rekwiżiti u l-kriterji possibbli għall-ispezzjonijiet, il-kontrolli u l-verifiki fuq il-post tal-vjeġġi tal-iskart", <http://ec.europa.eu/environment/waste/shipments/reports.htm>.

<sup>9</sup> <http://ec.europa.eu/environment/waste/shipments/news.htm>.

Matul konsultazzjoni pubblika li saret fl-2012 dwar atti leġiżlattivi li huma ta' piż għall-SMEs, tqajjem tħassib dwar il-fatt li l-WSR ma wassalx għall-ħolqien ta' suq komuni għall-użu u r-riċiklaġġ tal-iskart minħabba differenzi fl-interpretazzjoni u fl-implimentazzjoni tiegħu fl-Istati Membri, u li għandhom isiru aktar sforzi sabiex tkun żgurata implimentazzjoni uniformi tal-WSR u tingħata iktar attenzjoni lill-iskart perikoluż u inqas attenzjoni lill-iskart li ma jgħidqx daqshekk problemi. Kwistjoni oħra li tqajmet kienet il-fatt li għandu jkun hemm aktar simplifikazzjoni tal-proċeduri biex l-iskart jitmexxa minn Stat Membru għall-ieħor, filwaqt li l-ispezzjoni u l-evalwazzjoni tal-impjanti għat-trattament tal-iskart jitħallew f'idejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkun qed jirċievi l-iskart.

Din il-proposta leġiżlattiva dwar l-ispezzjonijiet tal-vjeġġi tal-iskart għandha l-għan li tgħin biex tkun żgurata implimentazzjoni iktar uniformi tal-WSR billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi tal-ispezzjoni li jkunu jgħoddu għall-UE kollha, u biex tingħata attenzjoni lill-flussi tal-iskart problematiċi.<sup>10</sup> Diġà hemm proċedura ssimplifikata fil-kuntest tal-WSR għall-vjeġġi tal-iskart maħsubin għall-irkupru meta mqabbel mal-vjeġġi tal-iskart maħsubin għar-rimi. Madankollu, in-nuqqas ta' proċeduri armonizzati ta' spezzjoni jhedded il-funzjonament xieraq tas-suq intern f'dak li għandu x'jaqsam mal-vjeġġi tal-iskart. Biex is-suq intern jiffunzjona tajjeb, l-ispezzjonijiet tal-vjeġġi tal-iskart jeħtieġ li jitwettqu b'mod effettiv fl-UE kollha. In-nuqqas ta' kundizzjonijiet indaqs li jeżisti dal-ħin, li ġej mid-differenzi kbar fil-prattiki tal-infurzar, ipoġġi lin-negozji li jikkonformaw mal-liġi fi żvantaġġ ekonomiku. Ir-rati għoljin ta' vjeġġi illegali tal-iskart jheddu l-industrija tat-trattament u r-rimi leġittimu tal-iskart. Li kieku l-WSR jiġi applikat kif suppost fl-UE kollha, dan isahha il-kunfidenza u l-fiduċja tal-operaturi ekonomiċi fis-sistema tal-vjeġġi tal-iskart, u l-kumpaniji fis-settur tar-riċiklaġġ u tal-ġestjoni tal-iskart ikollhom inċentiv biex jinvestu fil-qasam u jgħolqu impjiegi ġodda.

L-ispezzjoni tal-impjanti għat-trattament tal-iskart trid issir mill-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn jinsabu dawk l-impjanti. Madankollu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li minnu jkun qed jintbagħat l-iskart trid tkun tista' *tevalwa* kif l-impjanti fl-Istat Membru li jkun qed jirċievi l-iskart ikunu se jittrattaw l-iskart. Pereżempju, wara li teżamina n-natura tal-iskart, l-awtorità li tkun qed tibgħat l-iskart tista' tikkonkludi li l-impjant fl-Istat Membru li jkun qed jirċievi l-iskart ma jistax jittratta l-iskart skont l-Artikoli 11 u 12 tal-WSR. Din l-evalwazzjoni trid issir *qabel* ma l-vjeġġ jitlaq mill-pajjiż li minnu jkun qed jintbagħat, għax inkella ma jkunux jistgħu jiġu evitati l-vjeġġi illegali. Meta l-vjeġġ ikun wieħed illegali, jista' jkun li l-pajjiż li minnu jkun intbagħat l-iskart ikollu jħallas il-kont, fost l-oħrajn, biex jieħu lura l-iskart. Għalhekk, l-evalwazzjoni tal-impjanti għat-trattament tal-iskart ma tistax titħalla f'idejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkun qed jirċievi l-iskart biss.

Il-valutazzjoni tal-impatt *ex ante* tal-Kummissjoni dwar din il-proposta leġiżlattiva eżaminat diversi għażliet biex isahha l-ispezzjonijiet u l-infurzar tal-WSR. In-“network għall-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi ambjentali, il-vjeġġi transfruntiera tar-raggruppamenti tal-iskart” (IMPEL-tfs) tal-UE, l-awtoritajiet fl-Istati Membri u diversi gruppi ta' partijiet interessati kienu involuti mill-qrib fit-tnejn tal-istudji li saru biex jappoġġaw il-valutazzjoni.

Il-valutazzjoni kkonkludiet li l-għażla l-aktar effettiva biex jiġu indirizzati l-problemi marbutin mal-vjeġġi illegali tal-iskart hija l-użu ta' rekwiżiti leġiżlattivi tal-UE flimkien ma' gwida mogħtija minnha. Din l-għażla se jkollha wkoll l-inqas spejjeż netti u l-iktar impatti pożittivi fuq l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent. Hija se twassal għal iffrankar sinifikanti fl-ispejjeż għall-eliminazzjoni tat-tniġġis u għar-ripatrijazzjoni kif ukoll għal iffrankar indirett fl-ispejjeż għall-Istati Membri li minnhom jgħaddi l-iskart. L-industrija wkoll se tibbenefika mill-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Kwantitajiet akbar ta' skart li jintbagħtu b'mezzi legali

<sup>10</sup> Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-segwitu tal-konsultazzjoni ma' “l-aqwa 10 SMEs” dwar ir-regolazzjoni tal-UE.

se jwasslu għal proċessi ottimizzati, għal tekniki aħjar tat-tqassim u għal kwalità aħjar tal-iskart. Rekwiżit legali biex jiġu rrinforzati l-ispezzjonijiet jista' jgħodq ukoll impjiegi ġodda u jevita r-rilokazzjoni tal-impjiegi barra l-UE.

Bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt, għew stmati l-ispejjeż għall-Istati Membri li m'għandhomx sistemi adegwati ta' spezzjoni (pereżempju biex jimpjegaw il-persunal u biex itejbu l-infrastruttura u l-ispezzjonijiet). Dawn l-ispejjeż ikunu ta' madwar EUR 4 miljun fis-sena għall-UE kollha, iżda jistgħu jiġu kkompensati mill-benefiċċji ekonomiċi u soċjali u/jew jistgħu jiġu ffinanzjati mill-multi miġburin. Skont il-valutazzjoni tal-impatt, l-ispejjeż tal-ispezzjonijiet addizzjonali meħtieġa jiġu koperti anke jekk inqas minn 1 % tal-ispezzjonijiet kollha fis-sena jwasslu għal multi medji.

Mill-valutazzjoni tal-impatt instab li l-miżura tal-ippjanar tal-ispezzjonijiet hija l-aktar miżura leġislattiva importanti minn fost dawk proposti. It-tieni fattur l-aktar importanti li jikkontribwixxi biex tissolva l-problema jkun il-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jitolbu lill-esportaturi li jkunu ssuspettati bi vjeġġi illegali tal-iskart għall-provi sabiex jiċċekkjaw kemm il-vjeġġi jkunu legali, u warajh insibu, f'ordni dekrexenti, il-kontrolli tal-impjanti li jinsabu iktar 'il fuq fil-katina tal-attivitajiet u t-taħriġ għall-awtoritajiet.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

L-Artikolu 1(3)(b) ta' din il-proposta jemenda l-Artikolu 50 tal-WSR billi jintroduċi rekwiżiti għall-ippjanar tal-ispezzjonijiet għall-vjeġġi tal-iskart.

L-Artikolu 1(3)(c) jintroduċi, fl-Artikolu 50, il-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jitolbu lill-esportaturi li jkunu ssuspettati bi vjeġġi illegali tal-iskart għall-provi sabiex jiċċekkjaw kemm il-vjeġġi jkunu legali. It-tali provi jistgħu jkunu marbutin ma' jekk is-sustanza jew l-oġġett ikunx "skart" jew le, ma' jekk il-vjeġġ ikunx maħsub għall-irkupru jew għar-rimi, jew man-natura tal-metodi u tal-istandards speċifiċi għat-trattament tal-iskart applikati mill-impjant fil-pajjiż tad-destinazzjoni, bil-għan li tiġi vvalutata l-konformità mal-Artikolu 49 tal-WSR.

L-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 1(4) jallinjaw il-WSR mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni li teżamina mill-ġdid id-dispożizzjonijiet marbutin mal-proċedura regolatorja f'kull strument li beħsiebha temenda.

L-Artikolu 2 ta' din il-proposta jistipula li r-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali* u għandu japplika mill-[1 ta' Jannar xxxx jew mill-1 ta' Lulju xxxx skont liema data tiġi l-ewwel, sakemm din id-data tkun mill-inqas sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament].

### **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

Mhux applikabbli.

### **5. ELEMENTI FAKULTATTIVI**

Mhux applikabbli.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 dwar vjeġġi ta' skart**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikulari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>11</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>12</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart<sup>13</sup> jistipula r-rekwiżiti għall-vjeġġi tal-iskart kemm fl-Unjoni u kemm bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, sabiex jiżgura l-ambjent. Madankollu, ġew identifikati xi nuqqasijiet fl-infurzar u fl-ispezzjonijiet imwettqin mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, fost l-oħrajn minħabba li fir-Regolament m'hemmx dispożizzjonijiet ċari dwar dawn il-kwistjonijiet.
- (2) Hemm bżonn ta' ppjanar adegwat tal-ispezzjonijiet tal-vjeġġi tal-iskart sabiex tiġi stabbilita l-kapaċità meħtieġa għall-ispezzjonijiet tal-vjeġġi tal-iskart u biex jiġi evitati b'mod effettiv il-vjeġġi illegali. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet dwar l-infurzar u l-ispezzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 għandhom jissaħħu bil-għan li jiġi żgurat l-ippjanar regolari u konsistenti tal-ispezzjonijiet. L-ippjanar għandu jinkludi għadd ta' elementi ewlenin, fosthom il-valutazzjonijiet tar-riskji, l-istrateġiji, l-għanijiet, il-prijoritajiet, l-għadd u t-tipi ta' spezzjonijiet ippjanati, it-tqassim tal-ħidmiet, il-mezzi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u d-dispożizzjonijiet dwar it-taħriġ tal-ispetturi.
- (3) Fl-Unjoni jeżistu regoli differenti dwar il-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jitolbu lill-esportaturi tal-iskart għall-provi sabiex jiċċekkjaw kemm il-vjeġġi jkunu legali. It-tali provi jistgħu jkunu marbutin ma' jekk is-sustanza jew l-oġġett ikunx "skart" jew le, skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006, jew jekk l-iskart ikunx se jiġi ttrasportat lejn impjanti li ma jaġhmlux ħsara lill-ambjent skont l-Artikolu 49 tar-Regolament. Għalhekk, l-Artikolu 50 tar-Regolament għandu jipprovdi l-possibbiltà li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jitolbu lill-esportaturi li jkunu ssuspettati bi vjeġġi illegali tal-iskart għall-provi sabiex jiċċekkjaw kemm il-vjeġġi jkunu legali.

<sup>11</sup> ĠU C , , p. .

<sup>12</sup> ĠU C , , p. .

<sup>13</sup> ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1.

- (4) Il-vjeġġi tal-iskart illegali ta' spiss jinbtu mill-impjanti mhux ikkontrollati tal-ġbir, tal-ħżin u tat-tqassim. Għalhekk, għandhom jiddaħħlu rekwiżiti ta' spezzjoni għal dawn is-siti tal-iskart.
- (5) Minħabba d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 għandhom jiġu allinjati mal-Artikolu 290 tat-Trattat.
- (6) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat bil-għan li tadotta rekwiżiti tekniċi u organizzattivi għall-implimentazzjoni tal-iskambju tad-dejta elettronika fil-prattika. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' thejġija tagħha, anke fil-livell tal-esperti.
- (7) Hija u thejġi u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (8) Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 12(1)(g) tar-Regolament, linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 tar-Regolament, linji gwida dwar il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-vjeġġi illegali, aktar gwida dwar l-użu tal-lingwi, u aktar kjarifiki dwar ir-rekwiżiti proċedurali tat-Titolu II tar-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni tagħhom għall-esportazzjonijiet, l-importazzjonijiet u t-tranżitu tal-iskart mill-Komunità, lejha u ġo fiha
- (9) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (10) Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar [xxxx] jew mill-1 ta' Lulju [xxxx] skont liema data tiġi l-ewwel, sakemm din id-data tkun mill-inqas sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, sabiex l-Istati Membri u n-negozji jkollhom biżżejjed żmien biex iħejju ruħhom għall-applikazzjoni tal-miżuri meħtieġa skont l-Artikolu 50 tar-Regolament,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2 għandu jiżdied il-paragrafu 36 li ġej:

“36. “użu mill-ġdid” tfisser kull operazzjoni li biha l-prodotti jew il-komponenti li ma jkunux skart jerġġu jintużaw għall-istess skop li għalih kienu maħsubin.”;

(2) fl-Artikolu 26 għandu jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

“5. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 59 dwar ir-rekwiżiti tekniċi u organizzattivi għall-implimentazzjoni tal-iskambju tad-dejta elettronika għat-tressiq tad-dokumenti u tal-informazzjoni fil-prattika.”;

(3) l-Artikolu 50 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

“2. Permezz ta' miżuri għall-infurzar ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jipprovdu, fost l-oħrajn, għal spezzjonijiet ta' stabbilimenti u ta' impriżi f'konformità mal-Artikolu 34 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart<sup>14</sup>, u għal kontrolli għall-għarrieda ta' vjeġġi tal-iskart jew tal-irkupru jew tar-rimi relatat miegħu.”;

(b) għandu jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

“2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistabbilixxu pjanijiet għall-ispezzjonijiet li jkollhom l-għan li jiċċekkjaw il-konformità ma' dan ir-Regolament. Il-pjanijiet għandhom ikopru ż-żona ġeografika kollha tal-Istat Membru kkonċernat u għandhom japplikaw għall-ispezzjonijiet tal-vjeġġi tal-iskart kollha mwettqin skont il-paragrafu 2, inklużi l-ispezzjonijiet tal-istabbilimenti u tal-impriżi, tat-trasporti bit-triq u bil-ferrovija u tal-kunsinni fil-portijiet. Dawn il-pjanijiet għandhom jinkludu dan li ġej:

- (a) l-istrateġiji u l-għanijiet għall-ispezzjonijiet tal-vjeġġi tal-iskart, li jirreferu għar-riżorsi umani u finanzjarji u għar-riżorsi l-oħrajn li huma meħtieġa;
- (b) valutazzjoni tar-riskji li tkopri flussi speċifiċi tal-iskart u s-sorsi tal-vjeġġi illegali, u li tqis id-dejta investigattiva, bħal dik miksuba mill-investigazzjonijiet tal-pulizija u mill-analiżi tal-attivitajiet kriminali;
- (c) il-prijoritajiet u deskrizzjoni ta' kif dawn il-prijoritajiet intgħażlu abbażi tal-istrateġiji, l-għanijiet u l-valutazzjoni tar-riskji;
- (d) informazzjoni dwar l-għadd u t-tipi ta' spezzjonijiet ippjanati li jikkonċernaw is-siti tal-iskart, it-trasport bit-triq u bil-ferrovija u l-kunsinni fil-portijiet;
- (e) it-tqassim tal-ħidmiet lil kull awtorità involuta fl-ispezzjonijiet tal-vjeġġi tal-iskart;
- (f) il-mezzi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet differenti involuti fl-ispezzjonijiet; u
- (g) valutazzjoni tal-bżonn ta' taħriġ għall-ispetturi dwar il-kwistjonijiet tekniċi jew legali li huma marbutin mal-ġestjoni tal-iskart u mal-vjeġġi tal-iskart u dispożizzjonijiet dwar programmi regolari tat-taħriġ.

Il-pjanijiet għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid tal-inqas darba fis-sena u, fejn ikun xieraq, għandhom jiġu aġġornati. Fl-eżami mill-ġdid għandu jiġi evalwat sa liema punt ikunu ġew implimentati l-għanijiet u l-elementi l-oħra tal-pjanijiet.

L-awtorità kompetenti għandha tqiegħed il-pjanijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku skont id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali<sup>15</sup>.”;

(c) għandhom jiddaħħlu l-paragrafi 4a u 4b li ġejjin:

“4a. Sabiex ikun żgurat li vjeġġ ma jkunx jinkludi skart skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1), l-awtorità kompetenti tista':

- (i) tivverifika li ġiet prevista protezzjoni xierqa tal-vjeġġ mill-ħsarat li jistgħu jseħħu waqt it-trasport u waqt it-tagħbija u l-ħatt tiegħu; u

<sup>14</sup> ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

<sup>15</sup> ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26.

- (ii) teżiġi, jekk tissuspetta li vjeġġ ikun illegali, li l-persuna inkarigata mill-vjeġġ tibgħat kopja tal-fattura u tal-kuntratt marbutin mal-bejgħ jew mat-trasferiment tas-sjieda tas-sustanza jew tal-oġġett, li fihom jiġi ddikjarat li s-sustanza jew l-oġġett huwa maħsub għall-użu mill-ġdid skont it-tifsira tal-Artikolu 2(36), u teżiġi li din il-persuna turi li s-sustanza jew l-oġġett jiffunzjona kompletament.
- 4b. Sabiex ikun żgurat li vjeġġ ikun maħsub għal operazzjonijiet ta' rkupru li huma konformi mal-Artikolu 49, l-awtorità kompetenti tista' teżiġi, jekk tissuspetta li vjeġġ ikun illegali, li l-persuna inkarigata mill-vjeġġ tibgħat kuntratt, ittra jew dokument ieħor iffirmit mill-impjant tal-irkupru li jispeċifika l-metodi, it-teknoloġiji u l-istandards tat-trattament tal-iskart użati mill-impjant tal-irkupru fil-pajjiż tad-destinazzjoni.”;

(4) l-Artikoli 59 u 59a għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

#### *“Artikolu 59*

##### *Eżerċizzju tad-delega*

1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta atti ddelegati bil-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Il-Kummissjoni għandha tingħata d-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 26(5) għal perjodu indeterminat taż-żmien li jibda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirrevokaw fi kwalunkwe ħin id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 26(5). Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata fiha. It-tali deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data sussegwenti li tkun speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati li jkunu diġà fis-seħħ.
4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 26(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jkunux oġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta dak l-att ikun ġie nnotifikat lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dan il-perjodu taż-żmien għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Artikolu 59a*

##### *Proċedura ta' kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi meġhuna mill-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE.
- Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandu jibda japplika mill-[1 ta' Jannar xxxx jew mill-1 ta' Lulju xxxx skont liema data tiġi l-ewwel, sakemm din id-data tkun mill-inqas sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*